**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A33a-09

25 t' Awwissu 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/33a**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 1 ta' Settembru 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira minħabba li l-laqgħa msejjħa għat-Tlieta 25 t'Awwissu 2009, ma saritx għaliex ma kienx hemm kworum.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni dwar Sejħa għall-offerti 001/2009 *Patching and Kerb Reinstatement Works*
6. Punti mill-laqgħa ta' l-Onor Chris Said (Ftuħ ta' l-Uffiċju s-Sibtijiet)
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

24 ta' Settembru 2009

Ref Nru.Klg5/033

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/33 li saret it-Tlieta 1 ta' Settembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg.

Attendew għall-parti mill-laqgħa il-Periti Joe Bugeja u Matthew Bugeja.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-25 t'Awwissu 2009, peress li dak li ħareġ fl-24 t'Awwissu 2009, ġie *superseded* minħabba l-fatt, li l-laqgħa li kellha ssir fil-25 t' Awwissu 2009, ma saritx, għax ma kienx hemm kworum.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 4 t'Awwissu 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li t-*traffic calming measure* fi Triq Reġġie Miller approvata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-Ħamis 25 ta' Ġunju 2009, kienet ġiet nstallata t-Tnejn 31 t'Awwissu 2009 u in vista tal-fatt, li l-Kunsill kien rċieva żewġ talbiet oħra, talab lid-ditta *UniKing International* tissottometti kwotazzjoni għalihom, liema kwotazzjoni tressqet mis-Segretarju Eżekuttiv.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* issekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li jiġu nstallati mid-ditta *Uniking International,* żewġ *traffic calming measures* oħra fi

- Triq Flotta (bejn Toroq Carlo Manche u Rebħa) għall-prezz ta' €280.41 VAT inkluża
- Triq Madonna tal-Ġebla kantuniera ma' Triq San Albert għall-prezz ta' €467.35 VAT inkluża

**2.2. Paġna 2 para 2.4** - Il-Kunsillier Joe Camilleri qal li hu stmat, li fiż-żmien ġimgħa x-xogħlijiet tal-pavimentar fil-ġnien ikun lest. Hu kompla jgħid, li l-Kunsill talab kwotazzjoni għal 10 – *60 cms x 60 cms grates* sabiex jiġu nstallati fil-ġnien.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kwotazzjonijiet kienu ntalbu lil:-

- Anton Zarb għall-prezz ta' €1,371.51 VAT Inkluża
- Allwoods and Steel għall-prezz ta' €1,120.00 VAT Inkluża
- F. Cordina & Sons LTD – li ma kienx issottometta l-offerta tiegħu

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li dawn l-għaxar *grates* jinxtraw minn għand d-ditta *Allwoods & Steel* għall-prezz ta' €1,120.00 VAT Inkluża

2.2.1. Intervjena ċ-*Chairman* u qal, li f'dan l-istadju jkun opportun li jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jaħtar lill-Viċi-Sindku biex ikun responsabbli mill-inawgurazzjoni uffiċjali ta' dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Filwaqt li l-Viċi-Sindku ppropona xi punti għall-ftuħ fosthom, *arts exhibition* mill-artist Joseph Barbara, l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-inawgurazzjoni għandha ssir lejn l-aħħar t'Ottubru 2009, minħabba t-taħwil tal-pjanti.

**2.3. Paġna 4 para 3.9** – ħofra perikoluża quddiem *Kennedy Nova Hotel* fi Triq ix-Xatt - Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li dak in-nhar stess jiġifieri l-1 ta' Settembru 2009, kien iltaqa' mal-kuntrattur *North 2 South* u s-Sur George Cardona rappreżentant ta' l-Uffiċċju tal-Perit tal-Kunsill u x-xogħol nbeda. Madanakollu, minħabba l-fatt li wara li ġie mnaddaf u rriżulta li ma kienx hemm kumnikazzjoni għal dan il-*pit*, is-Sur Cardona rrakkomanda, li jinbidel il-*work method* billi dan il-*pit* jimtela b'*concrete C25*, issir xibka doppja u jingħata l-*hot asphalt*.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-*work method*.

**2.4. Paġna 3 para 2.6.** – Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li kellu mas-Sur Angelito Sciberras biss minħabba l-fatt, li s-Segretarju Parlamentari għaż-Żagħżagħ u Sport l-Onor. Clyde Puli ma kienx preżenti u qal li kienet laqgħa pożittiva, fejn ġie nfurmat, li s-Segretarjat Parlamentari hu favur li l-faċilitajiet sportivi skolastiċi jintużgħu mill-komunita' wara l-ħin ta' l-iskola. Hu spjega li hemm diversi kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati fosthom:

- waqt il-ħinijiet ta' l-iskola, l-prijorita' tingħata lill-iskola
- anke wara il-ħinijiet ta' l-iskola, sakemm jingħata avviz minn tnejn sa erba' ġimgħat minn qabel, l-iskola tingħata prijorita' biex tużgħahom
- wara l-ħinijiet ta' l-iskola u sakemm ma jkunux qed jintużgħu mill-istess skola, dawn ikunu amministratti mill-Kumitat tal-*football nursery* tal-lokalita'
- għandhom jiġu promovutti l-attivitajiet kollha tal-Kumitat Malti għall-Isport
- ma jistax ikun hemm reklamar ta' tipjip u xorb alkoħoliku
- il-faċilitajiet jridu jinżammu nodfa eċċ

Hu żied jgħid, li hu kien tkellem mal-*Gżira United Football Club* fejn filwaqt li nforma li l-Kunsill hu favur li jagħtihom s-sapport u l-għajnuna kollha neċessarja madanakollu, mhux finanzjarjament possibbli li jagħmel tajjeb għas-*synthetic turf* fir-rispett ta' liema, għandha tintalab l-istess għajnuna bħal ma għamlu *clubs* oħra sabiex jirċievu l-flus minn fondi oħra bħal U.E.F.A.

**2.5. paġna 2 para 2.3. –** laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma – ċ-*Chairman* ta' rendikont ta' din il-laqgħa li għaliha kienu preżenti l-Perit Charmaine Cutajar għan-nom tal-Korporazzjoni, l-kuntrattur mqabbad

mill-istess korporazzjoni *Crossroads Co-operative* u l-Perit tiegħu Joseph Attard, flimkien miegħu (jiġifieri s-Sindku), s-Segretarju Eżekuttiv, l-Uffiċjal Ezekuttiv u s-Sur Alfred Vella mill-Uffiċċju tal-Perit tal-Kunsill għan-nom tagħna. Hu nforma, li sfortunatament mis-*site meeting* li sar, ma ntlaħaqx l-eżitu mixtieq minħabba l-fatt, li filwaqt li l-kuntrattur u l-Perit tiegħu qalu li huma jagħmlu biss dak li jgħidilhom l-N.I.D. bħala l-kontrollatur ta' dawn ix-xogħlijiet, l-Perit Cutajar qalet, li dan id-Direttorat nfurmaha li ma riedux jidħlu f'dan il-każ. L-istess Perit Cutajar qalet, li kienet tal-fehma li għandu jerġa' jsir *site-meeting* ieħor li għalih, apparti l-membri preżenti għandhom jattendu, rappreżentanti ta' N.I.D., l-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja u rappreżentanti tas-*Solid Base Laboratories* li ċċertifikaw il-kwalita' ta' dan ix-xogħol.

Iċ-*Chairman* kompla jgħid, li hu ma jħossx li dan hu ġust u kif kien suġġerit mis-Segretarju Eżekuttiv għandha tintbagħat *e-mail* lill-Periti Edric Micallef u David Vassallo, kkupjata lis-Sur Charles D'Alfonso u lill-Onor Gatt sabiex jiġi vverifikat dak li ntqal dwar l-N.I.D., u tinkiteb ittra għall-attenzjoni ta' l-Onor Gatt, bħala Ministru responsabbli biex jiġi nfurmat b'din is-sitwazzjoni.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-1t' Settembru 2009 kif ukoll ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* stieden lill-Periti jidħlu għall-laqgħa u talab lill-Perit Joe Bugeja jispjega ż-żewġ r-rapporti mħejjija minnu dwar il-proġett ta' tisbieħ fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira.

**3.2.1** Rapport ta' varjazzjonijiet tal-kuntratt *embellishment works at Council of Europe Gardens*, Gżira mirbuħa mid-ditta Polidano Bros (Ara *Appendix* Nru 1).

Il-Perit Joe Bugeja ta spjegazzjoni tal-varjazzjonijiet li rriżultaw wara li nbeda xogħol, liema varjazzjonijonijiet skont l-aħħar kejl, (li kien sar dak nhar stess tal-laqgħa), ammontaw għal 13% tal-kuntratt, jiġifieri €21,000.00 u fost l-aktar punti mportanti li waslu għal dawn, l-Perit semma li:

- b'eżitu ta' diversi *sea reclamations*, fi stadji differenti, dan wassal sabiex ikun hemm livelli ta' bażijiet differenti b'konsegwenza tal-fatt, li ċertu *items* mill-*awarded B.O.Q.* kellhom jitneħħew partikularment dak tal-*parapett wall* u jiġu sostitwiti bi tqiegħid t'aktar pavimentar. Għalhekk filwaqt li *item* 1.01 tnaqset drastikament, *items* 1.05 u 1.07 ġew eliminati u żdied *item* 1.02, b'2,300 metru kwadru ta' pavimentar.

Il-Perit informa li l-alternattiva oħra għal din id-deċiżjoni kienet, li jsiru pedamenti ġodda, liema opzjoni kellha spiża finanzjarja eżorbitanti u għalhekk ma kienx hemm għażla oħra ħlief li sabiex jiġu ssalvagwardjati l-finanzi tal-Kunsill, jirriżolvi għad-deċiżjoni msemmija.

- In vista tad-deċiżjoni li l-*playing fields* jiġi *clustered*, sabiex tingħata dehra aktar unita tal-bandli, tnaqqsu *items* 1.03 u 1.06
- Minħabba n-natura ta' xogħol li jsir fl-*agricultural store*, din kellha titkabbar u għalhekk żdiedet l-ispiża tagħha filwaqt li ġew eliminati d-*drinking fountains*.

Il-Perit ikkonkluda billi qal, li in vista kemm tal-problemi li nqalgħu minn meta nbeda x-xogħol kif ukoll, li dan kien wieħed mill-akbar proġetti rrealizzati mill-Kunsill Lokali, l-varjazzjoni proposta hi aktar milli aċċettabbli.

Iċ-*Chairman* spjega li mill-verifikazzjonijiet li saru mill-Kunsill jirriżulta, li Memo 15/1999 – *Proċedura ta' Tendering* għadha tapplika u qara l-parti tal-ħlas/varjazzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat, li minkejja li talbet lid-Dipartiment jagħtiha din l-informazzjoni bil-miktub, din l-informazzjoni ma kienitx waslet sal-laqgħa tal-Kunsill madanakollu, s-Sna Galea għan-nom tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nfurmat li l-*memo* hawn fuq imsemmija għadha applikabbli.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Victor Rutter jekk din il-varjanza hix legalment possibbli, ċ-*Chairman* wieġeb, li l-kontenut tal-*memo* li kien għadu kemm qara tgħid, li hu fid-diskrezzjoni tal-Kunsill li jivverifika kemm hi raġonevoli l-varjanza proposta u fl-opinjoni tiegħu *vis-à-vis* il-kuntratt msemmi, din kienet raġonevoli.

Il-Viċi-Sindku qabel mal-kummenti taċ-*Chairman* u żied jgħid, li mill-esperjenzi personali tiegħu r-riżerva għall-proġetti simili ġeneralment tkun ta' madwar 15% kif ukoll, għamel referenza għall-ispjegazzjoni tal-Perit, li qal, li dan hu riżultat ta' *sea reclamations*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li meta tieħu in konsiderazzjoni zzieda fil-metraġġ ta' pavimentar kif spjegat aktar 'il fuq u dan hu xogħol li wieħed jista' jmur u jarah, il-varjanza proposta hi raġjonevoli.

Wara li ġew eżawriti l-punti tad-diskussjoni, dawn il-varjazzjonijiet tressqu għall-votazzjoni b'mozzjoni miċ-*Chairman* ssekonadata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.2.2** Rapport ta' spjegazzjoni b'eżitu t'ittra li l-Kunsill Lokali rċieva mill-Avv. Claire Stafrace datata 6 t'Awwissu 2009, għan-nom ta' U.I.F. fi ħdan il-M.E.P.A. (Ara *Appendix* Nru 2).

Il-Perit Joe Bugeja ta *overview* ġenerali sa mill-ewwel sottomissjoni lill-U.I.F. sakemm finalment wara li kienu saru l-emendi neċessarji l-Kunsill iffirma żewġ kuntratti mal-U.I.F. li jammontaw għal €113,027.82. u qara r-rapport mħejji.

Hu kompla jispjega, kif il-*Bill of Quantities* ppubblikat fis-sejħa għall-offerti ma kienitx l-istess bħal dik iffirmata mal-U.I.F. għal diversi raġunijiet fosthom:

1. *photovoltaic lights issue* – minħabba l-fatt, li l-prezzijiet kwotati kienu eżorbitanti, ma kienx hemm alternattiva oħra ħlief li jiġu nstallati *energy saving bulbs*
2. *paving square metarage issue* – in vista tar-raġunijiet spjegati fir-rapport preċedenti, żdied il-metraġġ tal-pavimentar minn 500 metru kwardru kif iffirmat mal-U.I.F. għal 1,500 metru kwadru minħabba l-fatt, li kemm il-*parapett wall* ma setax isir kif ukoll, il-metraġġ oriġinali kien limitat għall-parti ċentrali biss
3. *clustering of playingfields* – kif kien informa aktar 'l fuq, dawn ġew *clustered* a bażi ta' pariri li kien irċieva minn persuni kompetenti f'dan il-qasam u ngħata dehra aktar unita
4. *drinking fountains* – dawn ma sarux

Hu żied jgħid, li fil-25 ta' Mejju 2009, ġew imkejla x-xogħlijiet u hu għan-nom tal-Kunsill iddikjara li 50% tax-xogħolijiet kienu saru madanakollu, filwaqt li hu ssottometta din id-dikjarazzjoni a bażi tal-fatt, li *money wise* kienu saru 'l fuq minn 50%, il-M.E.P.A. talbet id-dikjarazzjoni a bażi ta' kuntratti. F'dan l-istadju, l-Perit għamilha ċara li ma kien hemm ebda ntenzjoni t'ingann iżda ġenwinament talab il-flus għaliex ix-xogħlijiet għal dak il-valur mhux biss kienu saru iżda anke ġew ċertifikati minnu.

F'dan l-istadju, l-Viċi-Sindku staqsa x'kienet qed tistenna mill-Kunsill il-U.I.F.?

Intervjena ċ-*Chairman* u qal, li b'eżitu ta' l-ittra legali li l-Kunsill kien irċieva minn din l-Awtorita', hu flimkien mal-Perit Joe Bugeja għamlu laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill Dott. Edward Woods fejn wara li ġiet spjegata l-materja lill-Avukat Woods, dan għamel kuntatt ma' l-Avukat Claire Stafrace u din nfurmat li l-U.I.F. aktar milli kienet qed tistenna risposta legali, riedet biss risposta teknika li tispjega din is-sitwazzjoni mill-Perit tal-Kunsill.

Għalhekk, fuq parir ta' l-Avukat Woods, l-Perit Joe Bugeja ġie mitlub iħejji din ir-risposta li kienet qed titressaq għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill, liema ittra flimkien ma' *covering letter* mill-Kunsill għandha tintbagħat lill-U.I.F.

Fis-6.20 p.m. daħal il-Kunsillier Ian Micallef għall-laqgħa.

Iċ-*Chairman* Chris Bonett talab lill-Perit Joe Bugeja jagħmel *resume* għall-benefiċċju tal-Kunsillier Ian Micallef.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Ian Micallef jekk il-U.I.F. kienitx nfurmata b'dawn l-emendi, l-Perit Joe Bugeja wieġeb fin-negattiv.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal li fl-opinjoni tiegħu kien qed jipproponi li:

1. fil-prinċipju kien qed jaqbel mar-risposta mħejjija mill-Perit
2. ma jaqbilx mal-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill, li l-ittra ma tiġix risposta minnu, għaliex ittra leġali għandha tiġi risposta b'tali
3. jiġi ċċarat, li fl-ebda ħin il-Kunsill Lokali ma ried jiffroda lil U.I.F.

Iċ-*Chairman* Chris Bonett wieġeb, li filwaqt li sta għall-Kunsill Lokali li jieħu d-deċiżjoni dwar il-mod kif ser iwieġeb, madanakollu, filwaqt li mill-aspett legali jaqbel mal-Kunsillier Ian Micallef, il-parir ta' l-Avukat Woods kien ibbażat fuq il-gwida mogħtija mill-Avukat Stafrace. Għaldaqstant, ċ-*Chairman* suġġerixxa, li qabel mal-Kunsill jiddeċiedi isir kuntatt telefoniku ma' l-Avukat tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ċemplet lill-Avukat Woods u filwaqt li dan ta' l-istess spjegazzjoni, talab li jitkellem ma' xi ħadd mill-Kunsillieri.

Iċ-*Chairman* talab lill-Kunsillier Ian Micallef jitkellem ma' l-Avukat Woods.

Wara li ġew eżawriti l-punti kollha għad-diskussjoni, inkluż il-parir mogħti mill-Avukat Woods, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* Chris Bonett ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef kemm mar-rapport imħejji mill-Perit Joe Bugeja kif ukoll, li ssir *covering letter* mill-Kunsill, liema korrispondenza għandha tiġi sottomessa l-għada stess, jiġifieri l-Erbgħa 2 ta' Settembru 2009.

**3.2.3.** In vista tal-fatt, li l-Kunsillier Ian Micallef ma kienx preżenti waqt l-ispjegazzjoni mogħtija mill-Perit dwar il-varjazzjonijiet proposti ta'13%, jiġifieri €21,000, talab spjegazzjoni dwarha u l-għala din eċċediet 10%.

Is-Segretarju Eżekuttiv tagħat l-istess spjegazzjoni mogħtija aktar 'l fuq dwar memo15/1999.

A bażi tar-rikjesta mill-Kunsillier Ian Micallef, ġie deċiż li jerġa' jsir kuntatt mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex nirċievu risposta bil-miktub dwar il-varjazzjonijiet u jekk hu possibbli l-persentaġġ jiġi kwantifikat. Dan kien qed jintalab in vista tal-kumment tal-Kunsillier Ian Micallef, li l-persentaġġ tal-varjazzjonijiet kienu ġew ikkjarifikati fil-proċeduri finanzjarji minħabba sitwazzjoni li nqalgħet f'Kunsill Lokali ieħor.

Il-Kunsillier Victor Rutter reġa' tenna li l-qbil tiegħu kien suġġett biss għall-fatt, li hu legalment possibbli li tinagħa varjanza ta' 13%.

Il-Kunsillier Ian Micallef ressaq dawn il-mistoqsijiet għall-attenzjoni tal-Perit;

1. vis-à-vis il-kummenti tiegħu waqt il-fażi ta' l-aġġudikazzjoni, il-varjazzjonijiet proposti kienux jaffettwaw is-sottometturi l-oħra
2. l-*items* li żdiedu kienux fejn l-offerent kwota l-għola u jekk kienux dawk li għamel referenza għalihom hu

Il-Perit Joe Bugeja reġa' ta *overview* ta' l-ispjegazzjoni dwar x'wassal għal din iż-żieda, b'referenza partikulari għall-problema f'dislivellar fil-pedamenti li waslet għall-żieda fil-pavimentar, irrilevanti mid-ditta li kienet qed twettaq ix-xogħol, xorta waħda dawn il-varjazzjonijiet riedu jsiru u l-problemi li nqalgħu ma setgħux ikunu previsti qabel, għaliex altri menti kienu jittieħdu l-provedimenti neċessarji

Intervjena ċ-*Chairman* u qal, li filwaqt li l-prezz hu fattur importanti madanakollu, mhuwiex il-fattur determinanti għaliex hemm aspetti oħra li jridu jittieħdu nkonsiderazzjoni fosthom id-*deadlines* u l-*workmanship*, li l-Kunsill irrimarka li kienu sodisfaċenti tant, li għall-kuntrarju tan-normalita', x-xogħol hu previst li jitlesta qabel il-*period contract*.

In vista tal-fatt, li kien hemm preżenti l-Perit, iċ-*Chairman* talab is-sospenzjoni ta' l-*agenda* u talab li jiġi diskuss *item* 5 – Diskussjoni dwar Sejħa għall-Offerti *001/2009 Patching and Kerb Re Instatement Works* u wara *item* 4 Approvazzjoni ta' *Request Sheets*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**5. Diskussjoni dwar Sejħa għall-Offerti *001/2009 Patching and Kerb Re Instatement Works***

**5.1.** Iċ-*Chairman* introduċa s-suġġett u staqsa lill-Kunsillier Ian Micallef (bħala l-*minority leader*) x'kienet ir-raġuni l-għala m'appuntax membru biex jirrappreżenta lill-Partit tiegħu fil-kumitat *ad hoc* li jinħatar kull meta jkun hemm sejħa għall-offerti għall-aġġudikazzjoni.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb li kif kien għadu kemm aċċenna ċ-*Chairman* aktar qabel, l-prezz mhux il-fattur determinanti u xtaqu li din il-materji tiġi evalwata f'aktar dettal waqt laqgħa ta' Kunsill.

Iċ-*Chairman* ta ħarsa tal-kuntratturi passati li offrew is-servizz tagħhom għal dan it-tip ta' xogħol, x'kienu l-problemi li wasslu li kemm id-ditta Sicilia Malta kif ukoll *Asfaltar LTD* ma jeżawrixxux il-perjodu kuntrattwali tagħhom, d-deċiżjoni li l-metraġġ tal-*patching* jinqasam taħt operaturi A u B, li dan ix-xogħol hu marbut ma' l-ewwel tip t'operatur kif ukoll, spjegazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat magħmul minnu bħala *Chairman* u l-Kunsillier Anthony Abela (minħabba li kif spjega aktar 'il fuq l-ebda Kunsillier għan-nom tal-P.N. m'attenda) ibbażat fuq:

1. il-gwida tal-Perit (ara *Appendix* Nru 3),
2. ir-rati sottomessi
3. il-prijorita' ngħatat fuq l-ewwel tliet *items* tas-sejħa għall-offerti għaliex fil-maġġoranza x-xogħol relatat ma' dan il-kuntratt hu ta' *patching*.

Għas-suġġeriment tal-Kunsillier Ian Micallef li jiġu eliminati l-*items* l-oħra, skont dak li kien għadu kemm qal iċ-*Chairman*, il-Viċi-Sindku qal, li dan ma setgħax isir għaliex il-Kunsill dejjem irid ikollu kuntratt biex jirranġa l-bankini.

Matul id-diskussjoni, il-Kunsillier Ian Micallef issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jaqbel fuq *shortlisting* tas-sottomettenti, jistaqsi mistoqsijiet relevanti bħal min hu/huma s-*suppliers* ta' l-*asphalt*, jagħmel laqgħa magħhom li għaliha jkunu preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit (kull Kunsillier hu mistieden li jattendi) u wara jiġi mħejji rapport ta' rakkomandazzjoni li jiġi mressq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni waqt laqgħa ta' Kunsill.

A bażi ta' din ir-rakkomandazzjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li:

- d-ditti *shortlisted* ikunu *J & K Contractors*, *Ell's Urban Services LTD* u *Polidano Bros*. Id-ditta *Road Maintenance Services LTD* u

- Vince Farrugia ġew eliminati minħabba li l-offerti tagħhom meta mqabbla kienu għolja kif ukoll, dan ta' l-aħħar ma s-sottomettiex il-*Bid Bond*.
- Ir-*ranking* għax-xogħlijiet ta' *patching* hu *J & K Contractors*, *Polidano Bros* u *Ell's Urban Services LTD* filwaqt għal dak tal-bankini r-*ranking* hu *J & K Contractors*, *Ell's Urban Services LTD* u *Polidano Bros*
- l-laqgħat magħhom ġew appuntati għal Ġimgħa 4 ta' Settembru 2009 fil-11.00 a.m., 11.30 a.m. u 12.00 p.m. u
- immedjatament wara li jsiru l-laqgħat, tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill sabiex tiġi aġġudikata u deċiża din is-sejħa għall-offerti biss.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 1335 sa Nru. 1383 (ara *Appendix* Nru.4) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll, għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-pagamenti

- Taran Arrigo – *supply & delivery* ta' *outside fitness equipment* - €4,500.00
- *S. Rausi* (Invoice 21063675) - €25.98
- Polidano Bros. on a/c – xogħlijiet fil-ġnien - €21,638.99
- Allwoods & Steel (*supply of* 10 – 60cms xv 60 cms *UK grates*) - €1120.00
- *Equipment Hiring LTD* – kiri ta' *generator* biex jiġu nstallati gradi fix-Xatt - €52.00
- *Squire Book Shop* – xiri ta' gazzetti - €37.27
- *UniKing International LTD* – supply, delivery & installation of traffic calming measure fi Triq Reggie Miller – €514.09

**4.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv tagħat spjegazzjoni għar-*request sheets* 1363 u 1364, liema xogħlijiet għalkemm ma kienux awtorizzati mill-Kunsill ma setgħux jiġu evitati altri menti l-*accountant* ma kienx ikun jista' jlesti l-*financial statements*.

**4.4.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru: 1335 sa Nru: 1383 inkluż il-ħlasijiet imsemmija f'paragrafi **4.2. u 4.3.** ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

**Kontinwazzjoni ta' item 3 – Korrispondenza**

**3.3.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.4.** Tressqet ittra mis-Sur Alfred Aquilina dwar talba għal estenzjoni tal-linji sofor taħt it-tieqa tiegħu għar-raġunijiet ta' siġurta'.

Iċ-*Chairman* qal, li hu kien tkellem mas-Sur Aquilina u spjegalu li l-Kunsill Lokali jrid jimxi mal-proċeduri u r-regolamenti maħruġa mill-Aworita' kompetenti, jiġifieri d-Direttorat għall-Immaniġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

Il-Kunsill qabel unaimament li dak li verbalment nfurmah biex iċ-*Chairman* għandu jintbagħat b'risposta lis-Sur Aquilina.

**3.5.** Tressaq ilment, nkluż kopja ta' ċertifikat mediku mis-Sinjura Rita Mohammed dwar il-fatt, li t-tifla tagħha waqt li kienet qed tilgħab fix-Xatt ċartet sieqa max-xifer tat-taraġ tal-*Gazebo*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu kien ġie infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv bil-każ u kien inkariga lis-Sur Salvu Bonello sabiex jagħmel it-tiswijiet neċessarji.

**3.6.** Tresqet dokumentazzjoni mis-Sinjura Josephine Baldacchino dwar spejjeż mediċi li għamlet minħabba l-fatt, li waqgħet fuq bankina fi Triq Reid.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unaimament b,mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li a bażi tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħat preċedenti, sakemm il-każ ma jkunx suffiċjentament pruvat, il-Kunsill Lokali ma jistax jilqa' din it-talba.

**3.7.** Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser isiru dawn l-attivitajiet:

**3.7.1. 'Festa Bnadar'** mis-Segretarjat Parlamentari tat-Turiżmu bejn 11 u 13 Settembru 2009, sabiex kull min għandu arblu jtella' bandiera f'dawn il-ġranet.

**3.7.2. Ewropa fil-Pjazza** – *roadshow* mill-MEUSAC il-Ħamis 17 ta' Settembru 2009, bejn 10.00 a.m. sa 12.45 p.m. fix-Xatt ħdejn il-KFC

**3.8.** Ittra ta' l-ilment mill-President ta' l-Għaqda Sajjieda Dilettanti – Gżira dwar il-fatt, li x-xtiebi li kien hemm ix-Xatt ġew iwweldjati.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill ġie nfurmat li ħamsa minn dawn ix-xtiebi nstallati kienu ser ikunu jinfetħu filwaqt li l-oħrajn ġew iwweldjati għar-raġunijiet ta' siġurta' u dan anke in vista tal-fatt, li s-sokra tagħhom kienet dejjem titkisser.

**3.9.** B'eżitu ta' l-applikazzjoni sottomessa lill-E.T.C. dwar l-iskema: **Xogħol fil-Komunita'**, l-Kunsill ġie nfurmat li minn erbgħa minn nies mitluba ġew assenjati tnejn li kienu Joseph Wells u Andrew Ciangura għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tindif.

**3.10.** Permezz t'ittra datata 28 t'Awwissu 2009, mill-A.D.T. b'risposta għal dik tal-Kunsil tat-2 ta' Ġunju 2009, dwar żewġ *loading/unloading bays* fl-istess parti ta' Triq Imsida (jiġifieri minn Triq San Ġorġ sa Triq Gżira), l-Kunsill ġie nfurmat, li għandha titneħħa dik ta' ħdejn il-KFC u minflok tibqa' *timed and communal loading/unloading* bay ħdejn S Beneteau.

**3.11.** Approvazzjoni t'rinovazzjoni tal-*loan* mill-B.O.V. – sabiex inkunu konformi mal-punti maħruġa mir-riforma, il-Viċi-Sindku ppropona, li għandna niktbu lill-Bank u nitolbuh sabiex il-*loan* tkun għal tmien snin u mhux għaxra.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Viċi-Sindku, b'mozzjoni mressqa minnu ssekondata mic-*Chairman* Chris Bonett.

**3.12.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 6. Punti mill-laqgħa ta' l-Onor Chris said (Ftuħ ta' l-Uffiċju s-Sibtijiet)

**6.1.** Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' l-Onor. Chris Said u għamel referenza partikulari għall-fatt, li mill-ewwel Sibt t'Ottubru 2009, l-uffiċini tal-Kunsill Lokali jridu jibdew jinfetħu għall-pubbliku.

Wara d-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħadt mill-impjegati preżenti ma ried jaħdem is-Sibt, il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna nitolbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jawtorizzana li trammite ta' E.T.C. nippubblikaw avviż għal żewġ impjegati *part-time* u fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Ian Micallef, dawn għandhom jaħdmu fuq massimu ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa kull wieħed.

Iċ-*Chairman* spjega li sabiex iż-żewġ impjegati jkunu jistgħu jaħdmu s-Sibt, jridu jkunu assenti darba fil-ġimgħa, f'ġurnata differenti.

Hu kompla jgħid, li b'hekk tkun tista' ssir riforma fir-riżorsi umani preżenti u b'hekk ma jkunx hemm ħtieġa li s-Segretarju Eżekuttiv tgħin ukoll, fil-*customer care*.

## 7. Affarijiet Oħra

**7.1.** Iċ-*Chairman* informa li fil-laqgħa li ġejja kien ser jressaq l-amendi fil-kariġi tal-Kunsillieri.

**7.2.** A bażi tat-talba tal-Kunsillier Victor Rutter, ġie deċiż li tinħareġ kwotazzjoni għat-tindif tal-*culvert pits and crossings*. Għalhekk ġie deċiż, li dan it-tip ta' xogħol għandu jsir f'dawn it-toroq:-

- ix-Xatt mill-A1 Bar sal-Waterfront Hotel, b'eċċezzjoni ta' dawk mat-toroq Stuart u Belvedere
- Triq Sliema kantuniera ma' Triq D'Argens
- Triq Luqa Briffa minn Triq Reggie Miller sa Triq Sliema
- Triq Emanuele Giordano minn Triq Reggie Miller sa Triq Luqa Briffa
- Triq Antonio Sammut

**7.3.** In vista tal-fatt, li s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Gvern Ċentrali kien ser jibda x-xogħol ta' *culvert* minn dak eżistenti fi Triq Sliema sa Triq Luqa Briffa, il-Kunsill Lokali qabel mas-suġġeriment tal-Kunsillier Ian Micallef li għandna nissuġġerixxu li jsir *T piece* mal-*culvert* eżistenti fi Triq Luqa Briffa kif ukoll, *culvert* ieħor li jaqsam Triq Luqa Briffa minn ħdejn il-banka tal-lottu sa *All Seasons Fruit & Vegetables* u ieħor li jaqsam Triq Turu Rizzo kantuniera ma' Triq Nazju Ellul.

**7.4.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li minkejja l-fatt li waqt il-laqgħa ta' l-4 t'Awwissu 2009, il-Kunsill kien approva l-pagament tal-ħlas tad-dawl u l-ilma ta' l-Uffiċju Amministrattiv u s-Sala tal-Komunita' madanakollu, ġie għall-attenzjoni tal-Kunsill li minkejja li hemm *meter* wieħed biss installat u huwa *shared* maż-żewġ ħwienet l-oħra madanakollu, t-tliet okkupanti kien qed jiġi mtilub ħlas ta' kirja daqs li kieku kulħadd għandu meter separat. Hi kompliet tgħid, li kien sar kuntatt mas-Sur Albert Galdes u filwaqt li ntalab jibgħat kopja tal-kont maħruġ mill-Enemalta, ġie mitlub li jirrevdi l-kont billi jnaqqas il-ħlas tal-kirja tal-meter tad-dawl u l-ilma. Madankollu, għalkemm aċċetta li jibgħat l-kopja tal-kont mill-Enemalta, li sa dak nhar tal-laqgħa kienet għada ma waslitx, hu rrifjuta li jnaqqas il-ħlas u filwaqt li aċċenna li mhux qed jagħmel gwadan personali, talab li jitkellem mas-Sindku.

Iċ-*Chairman* qal, li hu ma jsibx oġġezzjoni biex ikellmu madanakollu kien ser jagħmilha ċara mas-Sur Galdes li jekk qed jagħmel qliegħ finanzjarju mhux ġustifikat minn fuq entita' governattiva, dan ikun qed iwettaq rejat kriminali. Hu kompla jgħid, li kien ser jikkomunika telefonikament mas-Sur Galdes, il-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2009.

**7.5.** Il-Viċi-Sindku talab sabiex qabel ma tibda l-iskola jinżebgħu l-bankijiet li hemm f'Misraħ Turu Colombo.

**8. Laqgħa Oħra**

**8.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fid-8.45 p.m. u ġiet aġġornata għall-24 ta' Settembru 2009.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K253/119/09**

**25 August 2009 KLG5/33**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1335 | D.O.I. advert Malta Indep. Tender GLC01/09 Patching/Kerb | 50.00 | 6151 |
| 1336 | Guard & Warden Serv. House GLC004/ 2009 01.07.09 Triq Cameron/Triq Flotta invoice SS3990 | 31.68 | 6107 |
| 1337 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.11464 job No: 8009 traffic signs. | 23.24 | 6222 |
| 1338 | Env. L/Scapes Cons. Inv.005383 maint. of soft areas July 2009 | 2212.92 | 6173 |
| 1339 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.11495 job No: 8848 road markings. | 547.17 | 6213 |
| 1340 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv. 11496 job No: 8847 road markings. | 535.93 | 6214 |
| 1341 | The Toolbox Inv. Nos: 8930-42-57-80 | 221.78 | 6174 |
| 1342 | Borg Hardware Store inv.000852 | 18.00 | 6175 |
| 1343 | Squire Bookshop inv.230 N/papers July 2009 | 36.22 | 6176 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1344** | **Stardelta Hardware Inv.4941485-488 489-493-496** | **104.32** | **6177** |
| **1345** | **Gauci Borda & Co. Ltd. Inv.028061 chain, rings etc bandli** | **25.38** | **6178** |
| **1346** | **C.S.D. Office Trade inv.27213 A4 Paper + Stationery for Computer** | **118.69** | **6179** |
| **1347** | **S.Rausi Trading inv.11107996 Drinking Water** | **25.98** | **6180** |
| **1348** | **Charles Micallef St. John – 1 copy Suwed Ulied il-Lejl – Jason** | **9.30** | **6106** |
| **1349** | **G4S Security Serv. (Malta) Ltd invoice 031898 – 5 trips C.I.T. July 2009** | **37.82** | **6181** |
| **1350** | **Alfa Co. Ltd. Inv.55254 copies and rent photocopier 13.06.09 – 12.07.09** | **107.45** | **6182** |
| **1351** | **J. Lautier Co. Ltd. Inv. 76303 – hinges** | **33.13** | **6183** |
| **1352** | **Pace & Mercieca Ltd. Inv.594169 – 9 Bolt Tower black UGB** | **12.45** | **6184** |
| **1353** | **Makaw ironmongery inv.16292/16861 22 x 10 litres red berger paint** | **883.52** | **6185** |
| **1354** | **Water Service Corp. inv.11132160-5 Gżira Gardens 06.02.09/18.05.09** | **590.28** | **6186** |
| **1355** | **Water Service Corp. Inv.11132204-1 Promenade Gardens 06.02.09/18/5/09** | **224.56** | **6187** |
| **1356** | **J.F.Mallia Ltd inv.218 Job No: 72 maint bozoz** | **22.51** | **6188** |
| **1357** | **GO plc inv.22342981 – tel 341616 calls July rent August 2009** | **26.95** | **6148** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1358** | **GO plc inv.22343742 – tel 322157 Calls July rent August 2009** | **170.97** | **6149** |
| **1359** | **GO plc inv.22342971 – tel 334254 341034 calls July rent Autust 2009** | **56.65** | **6150** |
| **1360** | **David Grasso Summer Nights 29/07 60's night + singer – 08/08 – 12/08** | **314.47** | **6189** |
| **1361** | **Paul Vella – 2 copies The Industrial Revolution of Malta** | **50.00** | **6108** |
| **1362** | **Woods & Assoc. Inv. Dtd 07/08/09 Risposta ittra uffic. WSC/Stivala** | **70.49** | **6190** |
| **1363** | **I.T.S. Ltd. Inv.SIN090960 Sage Pastel Consult. Job No: JS012133 KB** | **41.30** | **6215** |
| **1364** | **I.T.S. Ltd. Inv.SIN090983 Sage Pastel Consult Job No: JS012147 KB** | **41.30** | **6216** |
| **1365** | **Joe Borg inv.04 Spejjeż Papri Aug 09** | **46.59** | **6191** |
| **1366** | **All Interiors inv. 615 Vertical Blind + roller blind Act. Centre** | **175.58** | **6192** |
| **1367** | **Em. Mifsud inv.2397692 Door to Door Collection August 2009** | **5590.50** | **6193** |
| **1368** | **Em. Mifsud inv.2397693 Hire of Skips August 2009** | **432.87** | **6194** |
| **1369** | **Em. Mifsud inv.2397694 Public Conv. August 2009** | **836.06** | **6195** |
| **1370** | **Em. Mifsud inv.2397695 Bulky Serv. = 184 Calls – July 2009** | **1007.22** | **6196** |
| **1371** | **Melita plc inv.27328425 Television Medium Act.Cen. 01.08.09/31.08.09** | **7.76** | **6197** |
| **1372** | **Melita plc. Period 01.09.09 – 31.10.09 invoice 27406838** | **23.30** | **6221** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1373** | **Steve R. Farrugia inv.104 Sunday Str. Sweeping July 2009** | **378.52** | **6198** |
| **1374** | **Steve R. Farrugia inv. 108 Street Street Sweeping/Grass Cutting.Mech.Sweeper 95 mins.Street Sweeping Festa** | **4931.98** | **6199** |
| **1375** | **Greenlines Env.Serv. inv.16796 Hire & Empt.of 6 Bins on Wheels 10/07 – 13/07 4 days @ €12 each unit daily** | **339.84** | **6200** |
| **1376** | **Greenlines Env. Serv. Inv.16803 Hire & Clean of 2 mobile Toilets Strand Service Started 10/07/09 – 22 days July 2009** | **181.72** | **6201** |
| **1377** | **Union Print Co. Ltd. Inv.A1000947 advert Tender GLC01/09** | **68.91** | **6202** |
| **1378** | **G&P.Borg inv.11218 Ramel fin/Latrina** | **106.72** | **6203** |
| **1379** | **G&P.Borg inv.11219 Ramel fin/Latrina** | **76.31** | **6204** |
| **1380** | **Block-A-Brik Ltd. Inv.11002807 Latrina Bricks** | **52.51** | **6205** |
| **1381** | **Block-A-Brik ltd. Inv.11002808 Latrina Bricks** | **290.40** | **6206** |
| **1382** | **Compunet inv.1669-1691-1733 Computer Accessories** | **199.61** | **6207** |
| **1383** | **Melita plc inv.27354080 Hello Serv. 08/08/09 – 07/09/09** | **123.75** | **6208** |